

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-24 ta' Settembru 2019 – CX vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-605/17) ⁽¹⁾

("Servizz Pubbliku – Ufficijali – Remunerazzjoni – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikupra s-salarji mħallsa lir-rikorrent – Nota ta' debitu li tordna l-irkupru tas-somom kontenjuži – Sostituzzjoni matul il-kawża tal-atti kkontestati – Abbandun ta' kull att intiż għall-irkupru tas-somom kontenjuži – Għajbien tas-suġġett tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2019/C 423/64)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: CX (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Ehrbar u D. Milanowska, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiżha għall-annullament ta' atti għall-irkupru tas-salarji mħallsa għax-xhur ta' Novembru 2013 sa Ottubru 2016.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 374, 6.11.2017.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-18 ta' Settembru 2019 – ClientEarth vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-677/17) ⁽¹⁾

("Rikors għal annullament – Suq intern – Ambjent – Regolament (UE) 2017/1154 – Tmiem tas-suġġett tat-tilwima – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2019/C 423/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Jones, barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Becker, G. Gattinara u M. Huttunen, aġenti)